# Għelt il-Koppin fil-Bidu tas-Seklu Għoxrin

*Kitba ta' Angelo Schembri*

## Nota Editorjali

Fid-diversi ħarġiet konsekuttivi ta' din il-pubblikazzjoni, sa mill-1992, fakkarna kemm-il darba okkażjonijiet ta' ferħ jew storiċi għal Ħal Kirkop. Iżda hekk kif il-ħajja tal-bniedem hija magħmula mis-sabiħ u l-ikraħ, hekk ukoll l-istorja ta' Ħal Kirkop u niesu. F'diversi kotba storiċi li qrajt fis-snin l-imgħoddija, l-awturi spiss jagħmlu referenzi għall-kotba tal-okkorrenzi tal-pulizija li huma reġistri fejn jitniżżlu r-rapporti li kienu jsiru. Serq, qtil, fastidju, illegalitajiet, kollha jinsabu mniżżla f'dawn ir-reġistri bid-dettalji xierqa. Kont ilni ħafna nixtieq li jkolli aċċess għall-okkorrenzi ta' Ħal Kirkop, iżda sakemm kienu għadhom ippriservati fl-Għassa Distrettwali taż-Żurrieq, dan ma setax iseħħ. Meta dawn ir-reġistri mxew għall-Arkivji Nazzjonali fir-Rabat, bl-għajnuna sħiħa tal-Arkivista Nazzjonali s-Sur Charles Farrugia, dan stajt nagħmlu b'kumditá kbira. U mir-riċerka li għamilt s'issa, bl-għajnuna siewja wkoll ta' Josef Bezzina, qed nippreżentalkom dan l-artiklu li jiftaħ orizzonti ġodda fl-istorja tar-raħal kif sejrin taraw.

Ir-reġistri tal-Okkorrenzi tal-Pulizija fil-każ ta' Ħal Kirkop, imorru lura għas-sena 1900 u minbarra r-raħal hemm ukoll miġbura ż-Żurrieq, l-Imqabba, l-Qrendi u Ħal Safi. Xi kultant issib ukoll xi rapport ta' xi bniedem mill-Belt, minn Ħal Luqa jew minn Ħal Għaxaq li jkun inqalagħlu xi gwaj fl-inħawi tagħna. Dawn l-okkorrenzi jinsabu ppriservati tajjeb, fil-parti l-kbira tal-każi għandhom kaligrafija tajba li ma tisfurzax ruħek biex tagħrafha, u jidħlu fid-dettall ta' kull każ li jiġi rrappurtat. Kif kienet id-drawwa f'dawk iż-żminijiet, kull isem ta' vittma jew akkużat, jinsabu akkumpanjati bil-laqam tal-individwu nnifsu jew tal-familja. Għalina li qed nistudjaw dad-dokumenti aktar minn mitt sena wara, din l-affari tal-laqam żgur li hija waħda providenzjali. Minnu tista' mqar ikollok idea minn liema familja kien ġej dak li għamel ir-rapport jew tressaq quddiem il-pulizija. Iżda ser ikolli nirrimarka kemm dir-riċerka kompliet saħħitli l-ħsieb li rriżulta minn riċerki oħra, illi bosta laqmijiet Koppin ta' dari mhux biss illum spiċċaw, iżda totalment intesew għal kollox. U dan f'temp ta' mitt sena biss! Bħala eżempji nista' ntikom Tal-Giardi, Il-Giobon, Ta' Bartrick, Ta' Cangialeros, Ta' Lapura, Ta' Rubina, Tal-Meuta, Taz-Zughi, Ta' Sansun, Tal-Barbaxia, Ta' Chella, Ta' Fdeuxa, Tal-Għama, Ta' Gananiel u Ta' Campanaru.[1] Żgur li ħafna minnkom il-qarrejja Koppin, dawn il-laqmijiet qatt ma smajtuhom. Kważi li meta tibda taqrahom, terġa' tagħti daqqa mill-ġdid biex tara humiex veru nies minn Ħal Kirkop, iżda nassigurakom li kienu, għaliex anke r-reġistri tal-Fratellanza fejn jissemmew il-Fratelli[2], jikkonfermaw l-eżistenza ta' dal-laqmijiet f'Ħal Kirkop ta' mitt sena ilu u aktar.



Is-Surġent Gregorio Sacco minn Ħal Kirkop

Kull min, kif jgħid il-Malti, jaħbat difrejh mal-ġustizzja, inevitabbilment jistenna li ser isib ruħu fl-inkwiet, u għalhekk li semmejt dal-artiklu bħala Għelt il-Koppin. F'dawn ir-reġistri ssib diversi forom ta' għelt; uħud minnhom komuni u mingħajr konsegwenzi, iżda oħrajn aktar gravi. Fuq kollox, u dan huwa ta' nteress kbir għalina, dawn l-Okkorrenzi jitfgħu dawl ġdid fuq il-bidu tal-qasma bejn iż-żewġ festi tar-raħal u l-affiljazzjonijiet tal-familji u r-razez mal-festa parrokkjali jew mal-Festa l-ġdida ta' San Ġużepp. Ser nibda billi nsemmi xi każi komuni u mbagħad ngħaddi għal oħrajn li jkun ħaqqhom deskrizzjoni fit-tul. Diversi Koppin kienu jirrappurtaw każi fejn jinstabu annimali bħal nagħaġ, mogħoż, klieb, ħmir u saħansitra barri jew żiemel, mejtin fit-toroq. Dawn l-annimali kienu jinġabru u jittieħdu l-Ingieret[3] fejn jinħarqu fl-Inċineratur taħt is-superviżjoni ta' veterinarju, fost l-oħrajn. Prattika bħal din turi li kienet tintuża serjetà kbira. Eżempji ta' dawn nistgħu insemmu bħal Vincenzo Sacco tal-Pisatur u Vittorio Attard ta' Meuta li rrappurtaw każi ta' mogħoż mejtin fil-21 ta' Novembru u fl-4 ta' Diċembru tas-sena 1904. Bħal dawn hemm ħafna. Każ ieħor li jiġi rrappurtat spiss huwa ta' nies li jkunu rekbin karettun miġbud minn bhima, mingħajr ma tkun liebsa xedd, kappestru u riedni. Insibu każi oħrajn bħal ta' Benedetto Falzon tan-Nann, li rema' materjal ta' kostruzzjoni f'Via Valletta (10 ta' Settembru 1904), jew Michele Callus tal-Chexchux li ġarr senter tal-kaċċa mingħajr liċenzja tal-pulizija (9 ta' Diċembru 1904). Rosa Debono tal-Caruan (18 t'Ottubru 1904) u Angela

Abdilla tat-Tonglu (8 t'April 1905) ġew irrappurtati li ħallew ilma maħmuġ ħiereġ minn djarhom għal barra t-triq. Giuseppe Sacco is-Singhes (22 ta' Diċembru 1904) żamm kelb mingħajr ma kellu liċenzja tal-pulizija u Giovanni Grech tax-Xiottu ħalla karettun mal-lejl mingħajr dawl fi sqaq ġo Triq San Leonardu. Fl-1 ta' Mejju 1905 ġiet irrappurtata Giovanna Ellul tas-Siettu, li ħalliet l-ilma nieżel mill-għajn pubblika li kien hemm fi Piazza Maggiore, illum Misraħ Ħal Kirkop. Speranza Spiteri ġiet irrappurtata fl-20 ta' Ġunju 1905 talli kienet qed tipprattika s-sengħa ta' majjistra mingħajr ma kellha liċenza tal-Pulizija biex twettaq dan. Fit-12 t'Awwissu tal-1904, Giovanni Grech jirapporta mal-pulizija li xi ħadd mhux magħruf xerred il-pitrolju u ħaraq bieb ta' kamra f'għalqa li kienet tinsab fl-inħawi msejħa Tal-Għorfa[4] Ħal Kirkop stess, u li din kienet proprjetà tal-kunjata tiegħu Rosanna Barbara, omm il-Mons. Mikiel Barbara. Ġlied bejn gruppi ta' nies kien spiss ukoll u f'dan lanqas in-nisa ma kienu joqogħdu lura, bħal dik li seħħet bejn Anna Mizzi ta' Ġurdiena u Francesca Bonnici u bintha Carmela tal-Berkni[5] fis-26 ta' Marzu 1906. Każi ta' mard li jittieħed, bħad-*difterite*, ukoll kien jiġi rrappurtat u kienu jittieħdu l-prekawzjonijie neċessarji billi l-pazjent jintbagħat l-isptar ta' Lazzarett fuq *Manoel Island* biex jitpoġġa għal perjodu ta' kwarantina. Rapporti oħrajn li jnisslulek ħasra kbira huma bħal dawk ta' Crocefissa Azzopardi miżżewġa lil Leonardo Iz-Ziza li kienet ġiet irrappurtata għal dagħa li jinstema' minn barra (14 ta' Diċembru 1904), li heddet jew ħebbet għal diversi persuni (20 ta' Diċembru 1904) sakemm imbagħad intbagħtet l-Isptar Mentali *(Lunatic Asylum)* fejn ġiet iċċertifikata li kienet mentalment instabbli.

Jissemmew ukoll għadd ta' nisa bħal Giuseppa Pisani ta' Cincia li ssawtet minn żewġha Salvatore fit-28 ta' Diċembru 1904, u li għalkemm għamlet ir-rapport l-Għassa tal-Pulizija, li dak iż-żmien kienet tinsab flok id-dar ta' Żeża ta' Nikodemu fi Triq Santu Rokku, xorta ħafritlu u talbet li ma jittiħdux passi kontrih. Każ ieħor familjari li donnu beda jinħema bil-mod u mbagħad sploda fil-miftuħ kien dak ta' Giuseppe Sammut ta' Casun, fejn l-ewwel ġie rrappurtat li nsulta lil oħt martu, wara li ħabat għall-kunjatu tiegħu Paolo Montebello, fejn sawtu u gidmu, biex imbagħad laħaq il-qofol meta martu Maria Teresa marret irrappurtat l-għassa li żewġha Giuseppe abbandunaha b'erbat itfal u li kienet tinsab fil-bżonn.[6] Diversi tfal kienu jiġu rrappurtati li taw fastidju lil persuni xjuħ ta' fuq is-sebgħin jew tmenin sena. U dan ma kinux jagħmluh ġo Ħal Kirkop biss, għax insibu rapport ta' Dun Franġisk Cutajar ta' 42 sena miż-Żurrieq li tmien subien Koppin bl-età tvarja bejn id-9 u l-15-il sena, ffastidjawh.[7] Każ partikolari ta' persuna minn Ħal Kirkop, li iżda ma seħħx fir-raħal kien dak ta' Franceso Saverio Sacco li kien residenti 2, Piazza Maggiore[8], Ħal Kirkop, li fil-25 ta' Novembru tal-1902 kien iż-Żurrieq għall-Festa Titulari ta' Santa Katarina VM, u sploda f'idejh murtal li ftit ħin qabel kien qata' n-nar u waqa' qribu. Minn hemm ittieħed dritt l-Isptar Ċentrali[9] fejn instab li qed ibati minn ġrieħi gravi. Każ ieħor ta' korriment mingħajr konsegwenzi fatali kien dak li seħħ fl-14 t'April 1910 liċ-ċkejken Giuseppe Azzopardi, li waqa' għoli t'erbatax-il pied fid-dar tal-ġenituri tiegħu.

## Ħwienet u Każini

Mir-Reġistri tal-Okkorrenzi jidher ċar li f'Ħal Kirkop kien hawn għadd ġmielu ta' ħwienet kemm tal-merċa kif ukoll tax-xorb. Ovvjament dawn spiss kienu jkunu suġġetti għal xi glieda, nies fis-sakra jew xi rapport ieħor.







**Xeni tipiċi ta' Ħal Kirkop f'Piazza Maggiore, li kienet il-qofol tal-ħajja tal-Koppin. L-ewwel ritratt meħud minn Sqaq Sant'Andrija juri s-Salib tal-Misraħ, il-Kappella tal-Lunzjata u l-għajn tal-ilma, filwaqt li t-tieni juri d-dar ta' Lukarda tal-Giċċ. Piazza Maggiore kienet kollha siġar żgħar.**



**Dar li tifred Triq il-Kbira minn Triq Santu Rokku, mibnija fl-1906, li kellha wkoll ħanut tax-xorb Beauty Bar u kien jitmexxa minn Anġlu Ellul il-British u minn Ġilard Sacco Ċilli.**

Fost l-oħrajn Giuseppe Pulis iz-Zuchi, Vincenzo Sacco tal-Pisatur u Rosario Sacco ta' Bent fit-3 t'Awwissu tal-1902, kienu rrappurtati li ħallew il-ħwienet tax-xorb tagħhom miftuħin wara l-ħin permess. Wieħed ta' min jinnota li din id-data kienet fil-viċinanzi tal-Festa ta' San Ġużepp li sa dak iż-żmien kienet tiġi ċċelebrata fl-ewwel Ħadd t'Awwissu.[10] Fis-26 ta' Lulju 1904, Salvatore Debono tal-Caruan, Salvatore Azzopardi ta' Bona u Michele Callus tax-Xiambech daħlu l-ħanut ta' Paola Grech tax-Xiottu u nsulentawha. Il-ħwienet tax-xorb kienu jġibu magħhom il-logħob tal-azzard u minn dawn insibu listi sħaħ ta' Koppin li nstabu jilagħbu flushom. Ta' kultant, il-pulizija kienu jagħmlu r-ronda fost il-ħwienet Koppin u jiċċekkjaw li l-użin ikun korrett. Mir-rapport dwar ir-ronda li saret fit-22 ta' Marzu tal-1905, insiru nafu li s-sidien tal-ħwienet Carmelo Debono ta' Bituila, Carmela Spiteri ta' Fdeuxa, Leonardo Spiteri ta' Xandra, Paola Grech tax-Xiottu u Michele Bartolo Il Għauci ma tant kienu jimxu b'mod rett mal-klijentela tagħhom għax kollha nstabilhom miżien imbagħbas! Id-dagħa u kliem baxx ukoll kien reat għall-Pulizija u b'hekk ġew irrappurtati Benedetto Cassar ta' Qantarejn, Giuseppe u ħuh Leonardo Ellul ta' Siettu, Giovanni Callus tal-Chexchux talli fis-6 ta' Frar 1908 għollew leħinhom, b'mod li jinstama' minn barra kliem ħażin u dagħa fil-*Casino San Leonardo*. Każ misterjuż ieħor marbut mal-*Casino San Leonardo* seħħ fil-5 ta' Diċembru 1909, meta Benjamino Sacco għamel rapport li sab żewġ pistoli neqsin minn dal-każin![11]

## Personalitajiet magħrufa fir-raħal

L-inkwiet ma kienx jiġri wara l-popolin tar-raħal u n-nies neqsin mill-edukazzjoni. Hekk insibu fost l-oħrajn lis-Surmast tal-Iskola Primarja ta' Ħal Kirkop



**Fi żmien li seħħew u nkitbu dawn l-Okkorrenzi, il-bini tas-Soċjetà Ġużeppina kien jinsab f'6, Strada Maggiore. Dal-lok jissemma fl-okkorrenzi għax minn fuq il-bejt tiegħu nħarqu numru ta' bombi mingħajr permess waqt il-jiem tal-Festa ta' San Ġużepp.**

Alfonso Maria Spiteri, li dwaru ktibna aktar minn darba f'dil-pubblikazzjoni.[12] Is-Surmast Spiteri ressaq minn tal-anqas erba' rapporti quddiem il-pulizija. Fit-8 ta' Marzu 1901, huwa rrapporta li ġie nsultat mill-konjuġi Gregorio u Maria Bugeja, magħrufin bil-laqam ta' Gananiel u li kienu residenti fi Triq San Nikola. Kważi erba' snin wara, fid-9 ta' Jannar 1905, huwa tilef ċurkett b'ħaġra bajda waqt li kien Bormla u tliet snin wara jirrapporta lit-tfajjel Angelo Pulis taz-Zughi għax gidem lil ibnu Salvatore Spiteri li dak iż-żmien kellu disa' snin. U hawn nagħmel parentesi żgħira fejn ngħid li Salvatore Spiteri huwa personalità magħrufa u miżmuma b'ġieħ mill-Ġużeppini Koppin għax serva ta' Prokuratur tal-Fratellanza, President tas-Soċjetà u Tarka tal-Partit fl-agħar żminijiet.[13] Is-Surmast Alfonso Maria Spiteri, rrapporta wkoll li nhar is-16 ta' Lulju 1910, tfal subien mhux magħrufa, xxabbtu ma' ħajt tal-iskola biex għamlu ħsara fil-*flushing* tal-loki tal-Iskola Primarja l-antika li kienet tinsab fi Triq Valletta.[14] Dan ġie kkorraborat mill-Madam Emilia Buccia li sostniet li xi subien daħlu l-Iskola u ħammġu l-bitħa. Dwar Salvu Spiteri, jeżisti wkoll rapport ieħor li fit-30 t'April tal-1910, meta allura hu kellu biss 7 snin, ġie msawwat minn Michele Bartolo. Personalità oħra magħrufa għax serviet ukoll il-kariga tal-

Presidenza fis-Soċjetà Ġużeppina, huwa Spiridione Bartolo, li aħna nafuh aktar bħala Spiru tal-Bombli, u li dawn l-okkorrenzi jikxfu li l-laqam proprju tiegħu kien Tal-Kortiġġjan[15]. Spiru kien barbier, kien midħla sew tal-Knisja Parrokkjali tant li bajjadha kemm-il darba u kien anke nkarigat mill-mixegħla tal-fanali taċ-Ċimiterju[16]. Jingħad li kien ikun liebes kappell bir-rixa u meqjus bħala factotum tar-raħal. Ħasra li qatt ma rnexxielna nakkwistaw ritratt tiegħu! Spiru huwa missier it-Tabib Giuseppe Bartolo li serva wkoll ta' President tas-Soċjetà Ġużeppina u Prokuratur tal-Fratellanza. Kemm il-missier u l-iben mietu waqt attakki tal-għadu differenti fit-Tieni Gwerra Dinjija[17]. Mill-okkorrenzi, jidher li Spiru kellu familja kkulurita mhux ħażin. Martu Maria Antonia tirrapporta kemm-il darba li ġiet mhedda (20 ta' Diċembru 1904 u 16 ta' Lulju 1906), li ġiet insultata (10 ta' Novembru 1904) u li saħansitra żewġha tefgħalha mqass (28 ta' Mejju 1905), iżda ħafritlu. Fl-aħħar jidher li ħadu l-passi neċessarji biex tiġi kkurata għall-istat mentali tagħha u huwa rrimarkat li ttieħdet l-Isptar Mentali kemm fil-5 ta' Diċembru 1907 u kif ukoll fl-20 ta' Marzu 1908. Spiru u Maria Antonia Bartolo kellhom erbat itfal: Giuseppe, Maria Anna, Abramo u Felice. Dwar dawn Abramo u Felice, qatt ma nstema' xejn, iżda madwar sena ilu, Maria Azzopardi rrakkuntatli li Spiru kellu tifel ieħor, li kien magħruf bħala r-Rabbob u li kien emigra lejn l-Amerka. Dan Felice li twieled fid-19 ta' Frar tal-1895, ma tantx jidher li kellu karattru sabiħ, minkejja li kien għadu żgħir. Hemm rapporti spissi li kien ikollu sikkina taqta' fuqu u li kemm-il darba kkaġuna xi ferita fuq tfal tamparu. Ta' għaxar snin jidher ukoll irrappurtat li espona ruħu b'mod oxxen fil-pubbliku (10 ta' Novembru 1904), waqt li fl-1907 ġie akkużat li wettaq atti ta' moħqrija fuq kelb. Dawn ir-reġistri matul l-ewwel għaxar snin tas-seklu jixhdu kemm dan Felice Bartolo kien salib kbir għan-nies tar-raħal u għal familtu. Filli jisraq ħannieqa bil-ġnieġel (10 ta' Diċembru 1910), filli jkisser lampa tat-toroq f'Ħal Safi (7 ta' Lulju 1910) u spiċċa daħħal anke lil missieru Spiru fil-bawxati li kien jagħmel. Fost l-oħrajn seħħ każ jaħraq fis-17 ta' Lulju tal-1910, meta Felice u tfajjel tamparu Paolo Azzopardi ta' Ziza, għoġobhom jostakolaw it-triq bejn iż-Żurrieq u Ħal Kirkop bil-ġebel. Dan wassal biex Vincenzo Cardona tas-Sultan, tilef it-tempra u ħabat għal Spiru u ibnu. Minn fuq, meta ssejħu l-pulizija, Felice laqagħhom bit-tfiegħ t'aktar ġebel! Dwar ħuh Ġużeppi, li aktar 'il quddiem studja akkademikament biex laħaq tabib, hemm imniżżel li fit-28 ta' Ġunju 1906, ta' għaxar snin, flimkien ma' Leonardo Sacco ta' Rusar u li kien daqsu fl-età, tefgħu kelb fil-bir ta' Benedetto Chircop fl-għalqa li kellu fl-inħawi tal-Isqof[18]. L-uniku rapport fejn jissemma l-wild l-ieħor ta' Spiru, Abramo, jmur lura għad-29 t'Ottubru tal-1910, fejn ta' 8 snin tefa' l-ġebel mid-dar tagħhom għal ġol-bitħa ta' maġenbhom. Nuqqas li wettaq Spiru jservina biex illum niskopru attività kulturali oħra li kienet għaddejja fir-raħal fil-bidu tas-seklu għoxrin. Fit-22 ta' April tal-1905, Spiru ġie rrappurtat li tella' attivitajiet teatrali f'post pubbliku mingħajr ma kellu permess. Dak li rrappurtah kien Giuseppe Ellul, li għada pitgħada għad tkunu tafu wkoll xi rwol kien jilgħab fil-ħajja Koppija ta' dak iż-żmien! Mhux magħrufa r-raġuni għala Spiru ma talabx permess biex jorganizza dat-Teatrin, għax sa ħames xhur qabel, huwa applika mal-Pulizija *"...to hold theatrical performances"* f'każ li jidher li hu differenti minn dak fejn ġie rrappurtat[19].



**Dehra komuni ta' bini f'Ħal Kirkop, fis-snin li jitkellem dwarhom dan l-artiklu.**

## Kriminalità organizzata

Uħud mill-każi li semmejt hawn fuq kważi jnisslulek tbissima, oħrajn iġibulek qalbek ġungliena, iżda ġejjin oħrajn li juru li l-kriminalità wkoll kienet preżenti fost in-nies tar-raħal. Bħala kriminalità qed nirreferi għal serq u vendikazzjonijiet. Waqt il-kitba ta' dan l-artiklu, irreferewli biċċa informazzjoni li ma tinsabx f'dawn ir-reġistri, iżda li għaddiet bil-fomm. Jidher li fiż-żminijiet li qed insemmu, kien jeżisti grupp kbir ta' kriminali jgħoddu mal-madwar 40 ruħ minn madwar Malta kollha, fosthom min-Naxxar u miż-Żejtun. Dawn kellhom bħala bażi fejn jiltaqgħu proprju ġo Ħal

Kirkop u kienu magħrufin bħala Il-Gaj tal-Erbgħin! Fost l-oħrajn darba minnhom kienu ilhom jonsbu lil ċerta mara toqgħod fil-viċinanzi tal-Knisja biex jisirquha. Jidher li fosthom kien hemm xi spija li għarraf b'dan lill-pulizija u dawn bil-kwiet intasbu f'darha. Hekk kif dil-mara marret il-Knisja għall-quddies, huma dlonk sgassawlha l-bieb fejn sabu l-pulizija jistennewhom u b'hekk ġiet sfrattata s-serqa[20]. Għalhekk mhux ta' b'xejn li wieħed jara rata ta' kriminalità aktar għolja f'Ħal Kirkop milli wieħed isib f'Ħal Safi jew l-Imqabba. Is-serq, anke jekk mhux aggravat kien komuni u hekk naraw li lil Nardu Ellul ta' Mona, fl-4 ta' Novembru 1904, serqulu l-għodda mill-barriera li kellu fl-inħawi ta' Bir il-Mogħoż[21], waqt li Benedetto Sacco ġie arrestat fit-8 ta' Jannar 1905 għax seraq disat ifniek. Giorgio Ellul taż-Żibri, li kien ukoll involut fit-tmexxija tal-Fratellanza u tas-Soċjetà[22], irrapporta li l-aħwa Carmela u Grazia Sacco serqulu t-tin mill-għalqa nhar it-22 ta' Ġunju 1906. Jidhru wkoll li seħħew tliet serqiet kbar mhux ħażin, fejn fir-rapport jingħataw dettalji tal-għamla tad-dehbijiet li nsterqu, u li jixhdu deheb antik bħal pendent f'għamla ta' tarbux. Waqt li kienet l-għalqa ma' żewġha fis-7 ta' Frar 1901, sfat misruqa Maria Bugeja ta' Gananiel u lil din itteħdilha kwantità mhux ħażin ta' deheb. Saru xi tfittxijiet fi djar ta' nies suspettati, iżda rriżultaw fin-negattiv. Imbagħad fil-21 t'Ottubru tal-1904 insterqet Maria Mizzi tal-Ġurdiena, li kienet toqgħod fi Triq San Leonardu u lil din ukoll ħadulha d-deheb u anke flus. Jgħaddu erba' xhur u nofs u din Maria Mizzi terġa' tisfa misruqa minn dehbijiet oħra li kienu moħbija f'kamra bit-tiben. Fit-22 ta' Marzu 1905, id-deheb kollu li nsterqilha fiż-żewġ każi, instab moħbi f'landa moħbija għand binha Benedetto Mizzi u ħafritlu. Każ ta' serqa partikolari joħroġ mir-rapport li għamel ċertu Andrea Dimech tal-Mik[23] minn Casal Asciak, li jumejn wara l-festa parrokkjali tal-1906 stqarr li serqulu għoxrin tazza taż-żejt ikkulurita minn Triq San Leonardu. Serqa oħra seħħet lil Grazia Barbara, oħt il-Mons. Mikiel, fejn mir-razzett li kien jinsab fi Strada San Nicola, ittiħdulha xejn anqas minn 56 tajra bħal sriedak u tiġieġ. Hemm ħafna każi ta' persuni li daħlu fl-għelieqi u serqu frott u ħaxix għad-dannu tas-sidien tagħhom. Minkejja li f'ħafna drabi kien ikun il-faqar li jwassal l-akkużat li jwettaq serqa, xorta ma jiġġustifikax l-għemil għad-dannu ta' min kien jaħdem u jistinka. Tebgħa sewda fuq isem Ħal Kirkop u li dawn l-okkorrenzi jixhdu li ilha ġejja minn żmien żemżem hija l-għidut li l-Koppin jirraġunaw bil-bombi. Il-kwantità mdaqqsa ta' bombi li tpoġġew ma' djar tan-nies f'dal-perjodu li qed nikteb dwaru, twaħħxek! Ta' ċertu interess huwa l-każ li seħħ fis-6 ta' Jannar 1902 fejn tpoġġiet bomba mad-daħla tat-*Teatrino Nazionale* li kien jinsab f'21, Triq Santu Rokku u li kien proprjetà ta' Carmelo Debono. Saret ħsara fil-bieb u l-faċċata u nkiser ħafna ħġieġ tal-ġirien, fosthom ta' Leonardo Grima, Salvatore Farrugia u Paolo Ellul. Dar-rapport ġie mgħoddi lill-Maġistrat Fiteni u saret inkjesta fuq il-post l-għada fl-erbgħa ta' wara nofsinhar. Issa dat-Teatrino Nazionale, li b'garanzija ħadd minna ma kien jaf li kien jeżisti, kien isir fil-garaxx li hu mikri lil Dennis Bennett mill-Familja Polidano ta' Lonz u li jinsab taħt ir-raħal fi Triq Santu Rokku. Dan għamel żmien iservi wkoll biex jintwerew fih films. Il-kurżità kbira li jnissillek dan l-indirizz ta' 21, Triq Santu Rokku hija li dan hu l-istess indirizz ta' Spiridione Bartolo. Possibbli li Spiru kien jikri dal-lok mingħand Karmnu Debono ta' Bituila[24] u apparti li jgħix fih mal-familja, kien jieħu ħsieb li jtella' wkoll it-Teatrin?! Xahar wara, fis-26 ta' Frar 1902, messet l-istess xorti ħażina lil Carmela Spiteri ta' Fdeuxa li kienet toqgħod 2/3, Strada Maggiore, illum Triq il-Kbira. Dan jidher li ma kienx biżżejjed għal Carmela Spiteri, għax fil-11 ta' Marzu 1902, erba' persuni; Grazio Cassar ta' Kantarei, Giuseppe Montebello ta' Salvu ta' Wenzu, Leonardo Sacco il-Pisatur u Gregorio Bugeja ta' Mais, irċevew ittra anonima li fi żmien qasir kienet se titpoġġa bomba mad-dar tal-imsemmija Spiteri[25]. U din l-attività kriminali ma tidhirx li waqfet hawn. Insemmu fost l-oħrajn il-bombi li saru mad-dar tal-Kappillan Barbara u tas-Sagristana tal-knisja, li dawn ma nafux id-data tagħhom[26]. Biex insostni dak li għedt, iġifieri li t-tqegħid ta' bombi ma waqafx, nista' nżid ukoll każ ieħor li ġie rrappurtat mill-ġurnal Malta Tagħna ta' tmintax-il sena wara, fejn persuni mhux magħrufa poġġew bomba fuq il-bejt ta' Maddalena Ellul u kkawżawlha ħsara kbira[27]. Mezz ta' vendikazzjoni oħra kien it-tfiegħ ta' żebgħa mal-faċċati fosthom tal-Għassa u anke mad-dar privata tas-Surġent Gregorio Sacco, li bħala Koppi kien jidher aktar ikrah man-nies tar-raħal meta jieħu passi kontra xi ħadd. Jidher li dan is-Surġent Gori Sacco kien fost tliet aħwa subien li kollha laħqu surġenti u kien joqgħod maġenb fejn tinsab l-Għassa tal-pulizija preżenti fi Triq San Benedittu minflok id-dar imsejħa tan-Niċu[28]. Jidher per eżempju li f'temp ta' tmint ijiem intefgħet żebgħa ħamra darbtejn mal-faċċata tal-istess Surġent Sacco. Rapport ieħor dwar tfiegħ ta' żebgħa ħamra u ħadra seħħ minn Leonardo Falzon ta' Lapura u Leonardo Spiteri ta' Diga, għad-dannu ta' Vincenzo Chircop tal-Gabillott fit-3 ta' Lulju 1910. Vendikazzjoni oħra tidher li saret lil ħu Vincenzo Chircop, Benedetto, meta fis-26 ta' Settembru 1909, minn disa' barrin li kellu fir-razzett, sab sitta maqtula, wieħed ferut u tnejn għadhom ħajjin. L-aktar każ li spiċċa b'konsegwenzi koroh matul dan il-perjodu li qed nikteb dwaru kien żgur il-qtil b'motiv ta' serq ta' Vittoria Vella, li kienet toqgħod f'44, Triq San Leonardu. Fid-29 ta' Lulju 1910, hija nstabet mejta,

b'idejha marbuta u b'qasrija mdeffsa f'rasha u nstabu wkoll neqsin minn darha għadd ta' deheb u flus. Jidher li Vittoria Vella kienet tislef il-flus u dan ħajjar lill-qattiela biex jisirquha[29]. B'konnessjoni ma' dan il-qtil saru tfittxijiet fi tnax-il dar, tmienja ta' familji Koppin u erbgħa oħra f'Ħal Safi, iżda kollha rriżultaw fin-negattiv tant li l-każ baqa' mhux solvut. Matul il-jiem ta' wara dan il-qtil, kien iżur spiss lil Ħal Kirkop is-Supretendent Ruggiero Lapira fejn ordna li jsiru żewġ tfittxijiet oħra fid-dar tal-vittma għal xi provi oħra. Fiż-żewġ każi, instabu aktar flus moħbija f'postijiet differenti tad-dar, fil-preżenza ta' familjari tagħha.

## Każijiet remoti

Żewġ każi li ma kinux ikkunsidrati ta' kuljum seħħew fl-1906 u sentejn wara. Fit-28 ta' Marzu 1906, għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħodu, waqt li kien qed jaħdem f'barriera fil-limiti tal-Imqabba, weġġa' serjament Giuseppe Vassallo tal-Balasch ta' 33 sena, li kien joqgħod Via Valletta[30]. Kollox jidher li seħħ meta ġebla kbira mill-barriera ta' Antonio Zammit tas-Seuda, inqalgħet minn postha u laqtitu f'dahru. Vassallo ma jidhirx li ttieħed l-Isptar u miet l-għada fis-siegħa ta' filgħodu. It-Tabib Luigi Debono, li kien District Medical Officer taż-Żurrieq u li f'ħafna każi fejn kienet involuta s-saħħa, jidher li eżamina l-pazjenti hu, iddikjara li Giuseppe Vassallo miet b'emoraġija interna u xokk trawmatiku. Dwar dan il-każ jidher li nqalgħet kontroversja bejn l-awtoritajiet u l-familjari li bdew jinsistu biex issir awtopsja fuq il-katavru. Din ġiet irrifjutata u l-katavru twassal mill-Isptar Ġenerali, fejn ittieħed wara li miet, sal-kamra mortwarja permezz ta' uffiċjali mill-kavallerija tal-pulizija. Każ ieħor partikolari seħħ fid-19 ta' Mejju tal-1908, meta waqt li Paolo Ellul ta' Marinton kien qed jagħżaq fl-għalqa tiegħu li kienet tinsab biswit daru fi Strada Maggiore (fejn illum infetħet Triq Salvu Sacco), huwa nifed f'għar li fih sab fdal t'għadam uman, imsiebaħ u platt. Fuq il-post issejjaħ Sir Temi Zammit li ddikjara li dak li nstab ma kienx ta' xi importanza storika kbira.

## Tikkarga r-rivalità bejn iż-żewġ festi

Biex wieħed jifhem ir-rapporti li se nanalizzaw issa, irid iżomm f'moħħu li sa dawk iż-żminijiet, il-Festa ta' San Ġużepp kienet tiġi ċċelebrata fl-ewwel Ħadd t'Awwissu, waqt li l-festa parrokkjali kienet issir fis-6 ta' Novembru. Sa mill-1902 jidhru l-ewwel sinjali ta' ġlied u inċidenti fil-ġranet ta' qrib iż-żewġ festi. Fil-5 ta' Novembru 1902, xejn anqas minn disat irġiel li l-etajiet ivarjaw minn 20 sa 60 sena, ġew irrappurtati li kisru l-bon ordni fil-11 ta' billejl b'għajjat u kliem mhux xieraq. Il-laqmijiet tagħhom jagħtu indikazzjoni lejn fejn kienu bdew ixaqilbu l-familji bħala partiti. Hekk insibu lil ta' Ciok, ta' Gheitan, tax-Xiambech, tal-Meuta u tan-Nan fost oħrajn. Tliet snin wara, fis-6 t'Awwissu tal-1905, allura fil-ġranet tal-Festa ta' San Ġużepp, il-ġlieda kienet ferm akbar għax ġew irrappurtati 25 ruħ! U hawn ikomplu jiżdiedu l-laqmijiet li għadhom magħrufa sal-lum anke għall-affiljazzjonijiet tagħhom mal-festi tar-raħal. Insibu lil ta' Bent, ta' Bituila, tal-Chexchux, ta' Maisi, ta' Carlu, tal-Balasch, tas-Siettu, ta' Diga u ta' Carawett fost l-oħrajn. F'Novembru tal-1907, imiss lil Kappillan Barbara stess li jmur jagħmel rapport kontra ħamest irġiel oħra, li ppruvaw itellfu l-purċissjoni tal-festa parrokkjali nhar is-6 ta' Novembru[31]. Mir-reġisti tal-Fratellanza ta' San Ġużepp[32], nafu li għall-Festa kienu jitħallsu mhux biss spejjeż ta' *polvere da sparo*, iżda anke ta' *bombista* li jaħraq il-maskli, aktarx mill-ġenb taz-zuntier. Dawn l-okkorrenzi jixhdu li aktar milli jħallsu l-barranin, mal-qalba tas-seklu, il-Koppin bdew jimmanifatturaw il-logħob tan-nar huma stess. Bdiet tiżdied ukoll in-namra lejn l-arti piroteknika fosthom kif se naraw. Fis-6 ta' Novembru 1902, ġew irrappurtati Giovanni Callus tal-Chexchux, Angelo Grech ta' Cassia, Angelo u Benedetto Sacco ta' Natatiela, Publio Chircop ta' Pacick u Paolo Spiteri ta' Ċillek li ħarqu xi logħob tan-nar fi Piazza Maggiore. Daqs xahar qabel, Carmelo Asciak ta' Chixmer ħaraq xi nar fi Triq San Leonardu. Tliet snin wara l-każ oriġinali, jiġifieri fis-6 ta' Novembru tal-1905, tmien persuni oħra ġew irrappurtati li ħarqu nar ikkulurit


TIFHIR U TALB 138
LILL
SAN LEONARDU ABBATI
APPOSTLU CBIR TA FRANZA
*Fein bl'akkun p mpa nghamlu it-Tifehira tal Meut Tighou*
FIL CHNISIA PARROCCHIALI TA HAL CHIRCOP FIS-6 TA NOV. 1908

NIHIL OBSTAT
*Aloisius Can. Theol. Attard,*
*Cens. Theol.*

GIUSEPPE SACCO


CURUNA TA TIFHIR, GIEH U KIMA
BIEX TITKIGHED FIR-RIG'LEIN TAL GLORIUS ANACORETA 141
SAN LEONARDU ABBATI
TITULAR PRINCIPALI TAL CHNISIA PARR. TA HAL CHIRCOP
Allurmeta l'ulied Tighou jarmlu it-tifchira tal Meut Tighou fis-6 ta Novembru 1908

NIHIL OBSTAT *Aloisius Can. Theol. Attard,*
G. BATTISTA CUTAJAR

**Żewġ sunetti differenti li ġew stampati fl-okkażjoni tal-festa parrokkjali tal-1908 meta bdiet titħeġġeġ aktar rivalità bejn iż-żewġ festi kif jixhdu dawn l-okkorrenzi.**

(Bengala Lights) aktarx gassijiet, mingħajr ma kellhom permess mill-pulizija. Sena wara, lejliet il-festa parrokkjali tal-1906, Vittorio Chircop tal-Gabillott ħaraq mingħajr permess, bombi minn fuq il-bejt ta' zijuh Salvatore Sacco. Imbagħad imiss żewġ każi li seħħew qrib il-Festa ta' San Ġużepp tas-sena 1907, fejn Francesco Ellul ta' Bagigiu u Giuseppe Mizzi taz-Zokkra, ħarqu bombi minn fuq il-bejt ta' 6, Piazza Maggiore, li allura kien il-bejt tal-Każin, żewġ bibien 'l isfel minn dak preżenti. Dan seħħ fit-2 t'Awwissu u tlitt ijiem wara Giuseppe Cassar ta' Borżinu wkoll inqabad jaħraq il-bombi fl-età biss ta' għaxar snin.

Dawn l-okkorrenzi li bbażajt fuqhom dan l-artiklu jinfirxu mill-1900 sal-1910, jiġifieri temp ta' deċennju. Issa li qrajtu dan l-artiklu, tistgħu tikkonfermaw li jixħtu dawl ġdid fl-istorja tar-raħal, kemm dik ta' kuljum, kif ukoll fi żmien il-festi meta r-raħal ikun għaddej minn attività ferm aktar mgħaġġla. Jekk Alla jrid, 'il quddiem nanalizzaw perjodu ieħor u nkunu nistgħu nqabblu ma' dan l-artiklu, jekk il-ħajja tal-Koppin ta' mitt sena ilu bdietx tinbidel minn żmien għal ieħor.

**Referenzi**

1 Uħud minn dawn il-laqmijiet inbidlu f'oħrajn li għadhom magħrufa sal-lum. Bħal eżempju nistgħu nieħdu Ta' Sansun li saru Ta' Sormha u Ta' Fdewxa li saru tal-Kexkux. Il-laqmijiet li jissemmew matul dal-artiklu ħallejthom kollha kif jinsabu miktuba fir-rapporti bħala tifkira taż-żmien li qed nitkellem dwaru.

2 Registro Indice dei Confratelli e Consorelle Ven. Confraternita'di San Giuseppe eretta nella Chiesa Parrocchiale del Chircop.

3 L-Ingieret huwa dak li llum magħruf aħjar bħala r-Residenza għall-Anzjani San Vinċenz de Paul.

4 L-inħawi tal-Għorfa jinsabu wara l-fabbrika ST Microelectronics. Żmien ilu, fin-nuqqas tat-Triq tal-Mina, it-Triq tal-Għorfa kienet waħda mid-daħliet prinċipali ta' Ħal Kirkop.

5 Carmela tal-Berkni tiġi omm Ġużeppi Bonnici il-Birqni, ex-Segretarju tas-Soċjetà Ġużeppina fis-snin ħamsin u ex-Asst. Prokuratur tal-Fratellanza.' Fis-snin sebgħin huwa kien il-benefattur għall-intervent ta' induratura mill-ġdid tal-Pedestall tal-Istatwa ta' San Ġużepp u tal-Ventartal li jintrama fl-Artal Maġġur fil-jiem tal-Festa ta' San Ġużepp.

6 Dal-każ familjari beda fid-29 t'April 1910 u kompla jkarkar sal-20 ta' Diċembru tal-istess sena, meta mbagħad il-koppja nfirdet. Rapporti Nri. 84 u 1218.

7 Il-każ ta' fastidju fuq das-saċerdot huwa wieħed rari jekk mhux uniku. Seħħ fil-25 ta' Jannar 1909 fiż-Żurrieq stess u fl-għassa ta' dan il-lokal sar ir-rapport Nru. 926.

8 Fiż-żmien li qed nikteb dwaru, jiġifieri bidu tas-seklu għoxrin, Piazza Maggiore kienet tibda minn maġenb is-Sagristija, tkompli mad-dawra taz-zuntier tal-Knisja, Triq il-Parroċċa sal-Każin tal-Football tal-lum. Fi kliem ieħor ma kinitx teżisti Triq il-Parroċċa għax kienet inkorporata fi Piazza Maggiore. Din illum tissejjaħ Misraħ Ħal Kirkop.

9 L-Isptar Ċentrali tal-Furjana kien jinsab faċċata tal-bini tal-Kurja Arċiveskovili, mal-ħajt tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

10 Wara li sar il-Konċilju Reġjonali tal-1935, il-Festa ta' San Ġużepp ġiet trasferita għall-ewwel Ħadd ta' Mejju – Nota tal-Kappillan Dun Ġużepp Inguanez f'Esito Amministrazione Altari Casal Chircop, Arkivju Parrokkjali.

11 Ir-Rapporti 860 u 725 rispettivament, ma jindikawx l-indirizz tal-Casino San Leonardo, bil-possibbiltà tibqa' li kien maġenb il-Knisja, kważi jmiss maz-Zuntier, qabel infetħet il-Pjazza tal-Knisja, popolarment imsejħa Il-Balla, fis-snin ħamsin.

12 Ara Skejjel u Intriċċi f'Ħal Kirkop fil-bidu tas-Seklu Għoxrin, Charles Farrugia f'Leħen is-Soċjetà Mużikali San Ġużepp Ħal Kirkop – Festa 2011 Paġni 185-193.

13 Ara Salvatore Spiteri – Is-Surmast, Victoria Spiteri f'Leħen is-Soċjetà Mużikali San Ġużepp Ħal Kirkop – Festa 2011 Paġni 106 u 107.

14 Din l-ewwel Skola Primarja ta' Ħal Kirkop kienet tinsab f'5/6, Valletta Rd. minflok dawk iż-żewġt idjar li llum jgħixu fihom il-Familji Cutajar u Calleja.

15 Ara Tliet Familji Benefatturi tal-Fratellanza ta' San Ġużepp, Angelo Schembri f'Leħen is-Soċjetà Muzikali San Ġużepp Ħal Kirkop – Festa 2003 Paġni 37-41.

16 Veneranda Cassa delle S.S. Anime Purganti – Reġistru Arkivju Parrokkjali.

17 Spiru Bartolo miet fit-23 ta'Mejju 1942 filwaqt li ibnu t-Tabib Ġużeppi miet fit-12 ta'Novembru 1942.

18 L-inħawi tal-Isqof jinsabu faċċata tal-fabbriki ST Microelectronics u Multigas, fi kliem ieħor maġenb il-Mina fid-daħla ta' Ħal Kirkop.

19 Applikazzjoni għall-Permess Nru. 909 lill-Public Works. Arkivji Santu Spirtu Rabat.

20 Xhieda ta' min jorbot fuqha minn anzjan ta' 83 sena li kien stqarrlu dan kollu missieru stess madwar sittin sena ilu.

21 Illum dawn l-inħawi jissejħu Bur Megħeż bid-djalett Koppi.

22 Ara Bi Kburija Nġeddu dak li Bnew Missirijietna, Pawlu Azzopardi f'Leħen is-Soċjetà Muzikali San Ġużepp Ħal Kirkop – Festa 2011 Paġni 25-39.

23 Andrea Dimech il-Mik kien wieħed mill-esponenti ewlenin taċ-Circolo La Stella f'Ħal Għaxaq, li llum evolva fl-Għaqda Mużikali Santa Marija. Jidher li kellu xi ħanut tax-xorb u kienu jiltaqgħu għandu.

24 Dan il-garaxx għadu sal-lum proprjetà tad-dixxendenti tal-Familja ta' Bituila, fejn issa għadda għand it-tfal ta' Lonza Polidano née Debono. Il-laqam ta' Bituila nbidel f'taċ-Ċinoklu u minnu ħarġu wkoll ta' Lonz, tal-Bott u tad-Dendula fost l-oħrajn.

25 Minkejja din it-twissija, ma jidhirx li kien hemm konsegwenzi tat-theddid, għax m'hemmx irrappurtat każ ta' bomba oħra mad-dar ta' Carmela Spiteri, almenu sal-aħħar tal-1910.

26 Ara Inlaqqgħukom ma' Pietru Attard f'Programm tal-Festa San Ġużepp Ħal Kirkop – Festa 1992 Paġna 15.

27 Ara Malta Tagħna 13 ta' Marzu 1920 Paġna 4.

28 Informazzjoni mogħtija minn Carmela Abdilla, neputija tas-Surġent Gregorio Sacco.

29 Ara Delitti f'Malta - Edward Attard, Paġna 311.

30 Ċertu Giuseppe Vassallo il-Balask jissemma minn Pietru Attard fil-ġabra ta' tifkiriet li kienu ġew ippubblikati fil-Programm tal-Festa ta' San Ġużepp f'Paġna 15. Huwa jindikah bħala li kien ħalla legat b'risq il-Festa ta' San Ġużepp.

31 L-irġiel li ġew irrappurtati kienu dawn: Tommaso Farrugia ta' Ciok, Giuseppe Falzon tan-Nan, Giuseppe Sacco ta' Bent, Benedetto Debono ta' Bituila u Beniamino Sacco ta' Bent. Rapport Nru. 635.

32 Mil-Libro di Esito della Ven. Confraternita di San Giuseppe Chiesa Parrocchiale Chircop, insibu ħlasijiet għall-porvli u għal dak li jaħraq in-nar fit-13 t'Ottubru 1878, meta saret l-ewwel Professjoni tal-Fratelli u wkoll għall-Festa ta' San Ġużepp tal-1879, meta ħadet sehem għall-ewwel darba l-Fratellanza u fis-snin segwenti.